

L-ISPIŻA EKONOMIKA TAL-KSUR TAD- DRITTIJET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI FIS-SETTURI TAT- TAJERS U TAL-BATTERIJI

Il-kwantifikazzjoni tal-ksur fil-Manifattura ta' tajers u tubi tal-lastku; il-kisi u l-bini mill-ġdid ta' tajers tal-lastku (NACE 22.11) u fil-Manifattura ta' batteriji u akkumulaturi (NACE 27.20)



L-ISPIŻA EKONOMIKA TAL-KSUR TAD-DRITTIJET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI FIS-SETTURI TAT-TAJERS U TAL-BATTERIJI

Tim tal-Proġett

Nathan Wajsman, Kap Ekonomista
Carolina Arias Burgos, Ekonomista

Rikonoxximenti

L-awturi jixtiequ jiringrazzjaw lill-membri tal-grupp ta' ħidma tal-Ekonomija u l-Istatistika tal-Osservatorju li pprovdew kummenti utli dwar ir-rapporti f'din is-sensiela u dwar il-metodoloġija użata. Barra minn hekk, sorsi mis-settur ipprovdew informazzjoni dwar is-suq tat-tajers u tal-batteriji fl-UE.

Frar 2018

Werrej

1. KELMTEJN TA' QABEL	4
2. SOMMARJU EŻEKUTTIV	6
2.1 METODOLOĠIJA U DATA.....	6
2.2 SEJBIET EWLENIN	6
2.3 L-IMPATTI MHUX EKONOMIĊI TA' TAJERS U BATTERIJI FFALSIFIKATI	10

1. KELMTEJN TA' QABEL

L-ISPIŻA EKONOMIKA TAL-KSUR TAD-DRITTJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI FIS-SETTURI TAT-TAJERS U TAL-BATTERIJI

L-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (L-Osservatorju) inħoloq biex itejjeb il-fehim tar-rwol tal-Proprietà Intellettuali (IP) u tal-konsegwenzi negattivi tal-ksur tad-Drittijiet ta' Proprietà Intellettuali (DPI). Dan għe trasferit mill-Kummissjoni lill-EUIPO fl-2012 bir-Regolament (UE) Nru 386/2012.

Fi studju mwettaq f'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi ¹, l-EUIPO, li jaġixxi permezz tal-Osservatorju, ikkalkula li madwar 42 % tal-attività ekonomika kollha u 28 % tal-impjeggi kollha fl-UE huma ġġenerati direttament minn industriji li jagħmlu użu intensiv mid-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali, b'10 % ulterjuri tal-impjeggi fl-UE jirriżultaw mix-xiri ta' oġġetti u servizzi minn industriji oħrajn mill-industriji li jagħmlu użu intensiv mid-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali.

Studju ieħor ² qabbel il-prestazzjoni ekonomika tal-kumpaniji Ewropej li huma sidien ta' Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali ma' dawk li mhumiex, u sab li d-dħul għal kull impjegat tas-sidien tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali huwa 28 % ogħla bħala medja milli għal dawk li mhumiex sidien, b'effett partikolarment b'saħħtu għall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs). Għalkemm 9 % biss tal-SMEs huma sidien ta' Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali reġistrati, dawk li jippossjeduhom, għandhom kważi 32 % aktar dħul għal kull impjegat milli minn dawk li ma jippossjeduhomx.

Il-perċezzjonijiet u l-imġiba taċ-ċittadini Ewropej fir-rigward tal-IP u l-falsifikazzjoni u l-piraterija ³ ġew ivvalutati wkoll bħala parti minn sfiħarriġ madwar l-UE. Dan l-istfiħarriġ wera li għalkemm iċ-ċittadini jirrikonoxxu l-valur tal-proprietà intellettuali (IP) fil-prinċipju, huma għandhom ukoll it-tendenza li jiġġustifikaw il-ksur fil-livell individwali f'ċerti każijiet.

L-Osservatorju qiegħed jipprova jagħti stampa sfiħa billi jivvaluta l-impatt ekonomiku tal-falsifikazzjoni u l-piraterija.

Mil-lat metodoloġiku, dan l-eżerċizzju huwa sfida, peress li jipprova jiffa' dawl fuq fenomenu li min-natura tiegħu stess ma jistax jiġi osservat b'mod dirett. Sabiex iwitti t-triq lejn il-kwantifikazzjoni tal-ambitu, l-

¹ EUIPO/EPO, *Industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-proprietà intellettuali u l-prestazzjoni ekonomika fl-Unjoni Ewropea: rapport ta' analiżi fil-livell tal-industrija*, it-tieni edizzjoni, EUIPO, Alicante, 2016.

² UASI, *Intellectual property rights and firm performance in Europe: an economic analysis: firm-level analysis report* (Drittijiet ta' proprietà intellettuali u l-prestazzjoni tad-ditti fl-Ewropa: analiżi ekonomika: rapport ta' analiżi fil-livell tad-ditti), UASI, Alicante, 2015.

³ EUIPO, *European citizens and intellectual property: perception, awareness and behaviour* (Iċ-ċittadini Ewropej u l-proprietà intellettuali: perċezzjoni, sensibilizzazzjoni u imġiba), it-tieni edizzjoni, EUIPO, Alicante, 2017.

iskala u l-impatt tal-ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali, kif identifikat fil-mandat tiegħu, l-Osservatorju żviluppa approċċ pass b'pass biex jevalwa l-impatt negattiv tal-falsifikazzjoni u l-konsegwenzi tagħha għan-negozji leġittimi, il-gvernijiet u l-konsumaturi, u fl-aħħar nett għas-soċjetà kollha kemm hi.

Intgħażlu diversi industrij li jagħmlu użu intensiv mid-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali, li l-prodotti tagħhom huma magħrufa jew huwa maħsub li jkunu soġġetti għall-falsifikazzjoni. Studji preċedenti eżaminaw is-setturi li ġejjin: il-kożmetiċi u l-kura personali; il-ħwejjeġ, iż-żraben u l-aċċessorji; l-oġġetti tal-isports; il-ġugarelli u l-logħob; il-ġojjellerija u l-arloġġi; il-basktijiet tal-idejn u l-bagalji; il-mużika rrekordjata; l-ispirti u l-inbid; il-mediċini; il-pestiċidi; u l-ismartphones.

Ir-rapport konġunt tal-EUIPO u tal-OECD⁴ dwar il-kummerċ globali fi prodotti foloz żvela l-ambitu wiesa' tal-industriji affettwati mill-falsifikazzjoni, li jvarja minn oġġetti tal-lussu għal oġġetti ta' kuljum, inklużi prodotti li jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi u għall-ambjent. Il-partijiet ta' rikambju tal-karozzi huma fost dawk il-prodotti fil-mira tal-falsifikaturi, li jkopru kwalunkwe parti u komponent tal-karozza, bħal rings tal-pistun, filtri, ċinturini tas-sigurtà, żjut u lubrikanti batteriji u tajers.

Dan it-tnax-il studju, li jkopri t-tajers u l-batteriji, juża metodoloġija simili għal dik applikata fi studji settorjali preċedenti. L-*Istudju ta' Kontribuzzjoni tal-IP (2016)* tal-EUIPO/EPO wera li ż-żewġ industrij jagħmlu użu intensiv mit-trademarks, mill-privattivi u d-disinni tagħhom.

⁴ EUIPO/OECD, Kummerċ f'oġġetti ffalsifikati u kkupjati: l-immappjar tal-impatt ekonomiku, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2016.

2. SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-ISPIŻA EKONOMIKA TAL-KSUR TAD-DRITTIJET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI FIS-SETTURI TAT-TAJERS U TAL-BATTERIJI

2.1 METODOLOĠIJA U DATA

Il-metodoloġija applikata f'dan l-istudju (bħal fl-istudji l-oħrajn f'din is-sensiela) tirrikjedi sensiela fit-tul ta' data dwar il-bejgħ ta' prodott omoġenju. Fejn kien possibbli, intużat data uffiċjali mill-Eurostat, li tiddefinixxi kull settur abbażi tal-klassifikazzjoni NACE⁵. Għall-partijiet ta' rikambju tal-karozzi, żewġ klassijiet NACE biss jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti: tajers u batteriji.

Il-punt ta' tluq ta' din l-analiżi huwa l-valur tat-tajers u tal-batteriji mibjugħa fl-UE bbażat fuq l-Istħarriġ tan-Negozju Strutturali (Structural Business Survey - SBS) u statistika dwar il-kummerċ internazzjonali. It-tbassir tal-bejgħ ta' kull wieħed miż-żewġ prodotti jiġi ġġenerat u mqabbel mal-bejgħ reali f'kull Stat Membru tal-UE. Id-differenzi bejn il-bejgħ imbassar u dak reali mbagħad jiġu analizzati permezz ta' metodi statistiċi. Parti minn dawn id-differenzi hija r-riżultat ta' **fatturi soċjoekonomiċi**, bħat-tkabbir fil-PDG, ir-rati tal-kambju jew l-għadd ta' karozzi tal-passiġġieri għal kull elf abitant. Barra minn hekk, jiġu kkunsidrati **fatturi relatati mal-falsifikazzjoni**, bħall-imġiba tal-konsumaturi⁶ kif jixhed l-*Istudju dwar il-Perċezzjoni tal-IP*.

Il-metodoloġija hija spjegata fid-dettall fit-Taqsima 4.

2.2 SEJBIET EWLENIN

Huwa stmat li kull sena l-industrija leġittima tiflew EUR 2.2 biljun minħabba l-preżenza ta' tajers foloz fis-suq tal-UE u minħabba batteriji foloz jintilfu EUR 180 miljun fis-sena, li jikkorrispondu għal 7.5 % u 1.8 % tal-bejgħ tas-setturi, rispettivament.

L-istimi li jirriżultaw tal-bejgħ mitluf minħabba l-falsifikazzjoni fil-manifattura fis-setturi tat-tajers u tal-batteriji, għall-Istati Membri kollha huma ppreżentati fit-Tabella 1 kemm f'termini relattivi kif ukoll assoluti.

⁵ NACE (*Nomenclature statistique des activités économiques dans la Communauté Européenne*) hija l-klassifikazzjoni uffiċjali tal-attività ekonomika użata mill-Eurostat, l-uffiċċju tal-istatistika tal-UE.

⁶ Jintużaw ir-riżultati mill-*Istudju dwar il-Perċezzjoni tal-IP* ippubblikat mill-EUIPO f'Novembru 2013, bħall-propensità ta' ċittadini tal-UE li jixtru oġġetti ffalsifikati intenzjonalment.

Tabella 1. Bejgħ mitluf minħabba l-falsifikazzjoni ta' tajers u batteriji skont il-pajjiż (2010-2015)


	TAJERS		BATTERIJI	
	Bejgħ mitluf (%)	Bejgħ mitluf (EUR miljun)	Bejgħ mitluf (%)	Bejgħ mitluf (EUR miljun)
L-AWSTRIJA	6.1	30	1.6	3
IL-BELĠJU	15.6	96	4.0	3
IL-BULGARIJA	17.2	21	4.4	4
ĊIPRU	17.1	7	4.4	1
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	7.3	106	1.9	3
IL-ĠERMANJA	4.2	261	1.1	31
ID-DANIMARKA	6.1	13	1.6	1
L-ESTONJA	9.0	4	2.3	Ma japplikax
IL-GREĊJA	17.4	39	4.5	5
SPANJA	17.6	445	4.6	32
IL-FINLANDJA	3.1	17	0.8	1
FRANZA	7.6	411	2.0	27
IL-KROAZJA	9.2	9	2.4	Ma japplikax
L-UNGERIJA	5.1	16	1.3	7
L-IRLANDA	5.3	11	1.4	1
L-ITALJA	5.9	256	1.5	18
IL-LITWANJA	19.2	15	5.0	1
IL-LUSSEMBURGU	10.1	2	2.6	Ma japplikax
IL-LATVJA	17.8	11	4.6	1
MALTA	8.4	1	2.2	0
IL-NETHERLANDS	4.2	12	1.1	3
IL-POLONJA	6.6	74	1.7	6
IL-PORTUGALL	11.5	41	3.0	3
IR-RUMANIJA	15.4	76	4.0	3
L-IŻVEZJA	6.8	45	1.8	10
IS-SLOVENJA	8.3	14	2.2	1
IS-SLOVAKKJA	5.1	14	1.3	1

IR-RENJU UNIT	5.5	201	1.4	13
UE-28	7.5	2 247	1.8	179

L-inqas pajjiż affettwat mill-falsifikazzjoni tat-tajers u tal-batteriji f’termini relattivi huwa l-Finlandja (3.1 % u 0.8 % rispettivament), filwaqt li l-Litwanja hija l-pajjiż l-aktar affettwat (19.2 % u 5 % rispettivament). F’termini assoluti, l-akbar impatt huwa fi Spanja, bil-bejgħ mitluf minħabba tajers u batteriji ffalsifikati stmat għal EUR 477 miljun, segwita minn Franza b’EUR 438 miljun, il-Ġermanja (EUR 292 miljun), l-Italja (EUR 274 miljun) u r-Renju Unit (EUR 214-il miljun). L-akbar ħames Stati Membri tal-UE jammontaw għal EUR 1.7 biljun telf minħabba l-falsifikazzjoni, kważi 70 % mill-bejgħ totali mitluf fl-UE.


L-istimi li jirriżultaw tal-bejgħ mitluf minħabba l-falsifikazzjoni ta’ tajers u batteriji skont il-pajjiż huma ppreżentati fil-Figuri 1 u 2. L-istrixxa tindika l-impatt tal-falsifikazzjoni fuq il-bejgħ tas-settur leġittimu, espress bħala perċentwal tal-bejgħ, filwaqt li d-djamanti jindikaw il-95 % intervall ta’ fiduċja ta’ dik l-istima ⁷.

Figura 1. Bejgħ mitluf minħabba l-falsifikazzjoni ta’ tajers skont il-pajjiż (2010-2015)



⁷ Il-95 % tal-intervall ta’ fiduċja huwa kalkolu statistiku li jfisser li hemm 95 % probabbiltà li l-figura reali tinsab bejn il-limiti minimi u massimi ta’ dak l-intervall. Pereżempju, għall-UE kollha kemm hi, il-perċentwal stmat ta’ bejgħ mitluf huwa 7.5 %, bi probabbiltà ta’ 95 % li l-perċentwal reali jinsab bejn 7 % u 8 %.

Figura 2. Bejgħ mitluf minħabba l-falsifikazzjoni ta' batteriji skont il-pajjiż (2010-2015)



Dan il-bejgħ mitluf ifisser telf ta' impjegi diretti ta' 8 318-il impjeg ⁸.

Jekk wieħed iżid l-effetti indiretti fuq industrija oħrajn, meta jiġu kkunsidrati kemm l-effetti diretti kif ukoll dawk indiretti, **il-falsifikazzjoni f'dawn iż-żewġ setturi tikkawża madwar EUR 4.8 biljun ta' bejgħ mitluf għall-ekonomija tal-UE, li mbagħad jirriżulta f'telf ta' 22 283 impjeg.**

⁸ Dawn iċ-ċifri ma jqsux l-effett tal-importazzjonijiet, peress li f'dawk il-każijiet l-impatti assoċjati fuq l-impjegi jsejtnu barra mill-UE. Lanqas ma jinkludu telf li jsofru l-produtturi tal-UE minħabba l-falsifikazzjoni fis-swieq li mhumiex Ewropej. Għaldaqstant it-telf stmat tal-impjegi huwa relatat ma' oġġetti prodotti u kkunsmati fl-UE.

Fl-aħħar nett, jekk wieħed jassumi li l-produtturi illegali ma jiddikjarawx l-attivitajiet tagħhom u d-dħul li jirriżulta lill-awtoritajiet, **it-telf totali ta' dħul għall-gvern (taxxi fuq id-dħul tal-familja, kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u taxxi fuq id-dħul tal-kumpaniji) jista' jkun stmat għal madwar EUR 340 miljun.**

2.3 L-IMPATTI MHUX EKONOMIĊI TA' TAJERS U BATTERIJI FFALSIFIKATI

Dan ir-rapport jiffoka fuq il-konsegwenzi ekonomiċi ta' tajers u batteriji ffalsifikati. Madankollu, hemm numru ta' impatti oħrajn foqma bħas-sigurtà u l-ħsara ambjentali.

It-tajers u l-batteriji ffalsifikati spiss jidhru li huma awtentiċi peress li huwa diffiċli ħafna li wieħed jiddistingwi oġġett oriġinali minn wieħed falz billi jiċċekkja d-dehra superfiċjali. Għaldaqstant il-konsumaturi jistgħu jixtru prodotti ta' standard baxx u mingħajr sigurtà involontarjament, peress li spiss il-prodotti ffalsifikati ma jgħaddux minn proċessi ta' ttestjar u ta' kwalità, u għalhekk iqiegħdu lis-sewwieqa u lil utenti oħrajn tat-triq f'riskju.

Studju dwar il-kundizzjonijiet tal-inċidenti relatati mal-użu tat-tajers⁹ wera li b'fond tal-wiċċ ta' 1.6 mm jew aktar inaqqas il-probabbiltà ta' inċidenti ta' żliq fuq toroq imxarrbin jew miksijin bil-borra b'84 % u l-probabbiltà ta' inċident minħabba panċer tonqos b'86 %, meta mqabbla ma' tajers b'wiċċ ta' inqas minn 1.6 mm. Testijiet li saru mill-industrija wrew li tajers foloz b'wiċċ fond 1.4 mm u tajers skanalati mill-ġdid (imsewwija biex jidhru qishom ġodda minkejja li jkunu tajers aktar antiki u li jkun fadlilhom ftit jew xejn mill-wiċċ oriġinali) jirriżultaw f'riskji ta' sigurtà ċari għall-utenti.

Il-manifatturi tal-batteriji tal-karozzi jeħtiġilhom jirrispettaw speċifikazzjonijiet stretti sabiex jissodisfaw l-aspettattivi tal-konsumaturi għall-prestazzjoni u s-sigurtà. Il-prodotti huma ddisinjati sabiex jipprevjenu tnixxijiet ta' elettroliti (li jistgħu jkun ta' ħsara mhux biss għaċ-ċirkwiti fl-apparat iżda wkoll għat-tessuti tal-ġisem). Barra minn hekk, fetħa li tintuża darba biss fis-siġill tal-batterija tirrilaxxa pressjoni interna fil-batterija waqt il-kundizzjonijiet ta' użu eċċessiv sabiex tipprevjeni xi splużjoni. Dawn l-elementi ta' sigurtà xi drabi ma jkunux preżenti fil-batteriji ffalsifikati u għalhekk iqiegħdu lill-utent f'riskju.

Minbarra l-aspett tas-sigurtà tal-utent, it-tajers u l-batteriji ffalsifikati jistgħu jikkawżaw ħsara lill-ambjent, peress li l-materjal li jintuża għall-manifattura ta' partijiet foloz jistgħu ma jissodisfawx l-istandards ta' sigurtà u mhux dejjem ikunu konformi mal-istandards ta' protezzjoni ambjentali u mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari¹⁰, li jinkludi miżuri li jkopru mill-produzzjoni sal-ġestjoni tal-iskart, inkluż ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid.

⁹ CHOI, E-H., *Tire-Related Factors in the Pre-Crash Phase* (Fatturi Relatati mat-Tajers fil-Fażi ta' Qabel Ħabta) (Rapport Nru DOT HS 811 617), National Highway Traffic Safety Administration (Amministrazzjoni Nazzjonali tas-Sigurtà tat-Traffiku tal-Awtostradi), Washington DC, 2012.

¹⁰ https://ec.europa.eu/commission/priorities/jobs-growth-and-investment/towards-circular-economy_mt

It-tajers huma eżempju ta' prodott fejn l-ekonomija ċirkolari tibda fl-istadju tad-disinn, testendi għall-użu, għall-ġbir tal-prodotti użati u tkompli fl-użu mill-ġdid u fir-riċiklaġġ. L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tat-Tajers u tal-Lastku (European Tyre & Rubber Manufacturers' Association - ETRMA) tirrapporta ¹¹ rata ta' trattament ta' 96 % tat-tajers (eż. l-użu mill-ġdid ta' materjal jew tipi oħrajn ta' riċiklaġġ).

Ħafna mill-komponenti tal-batteriji wkoll jistgħu jiġu riċiklati, u b'hekk jiġi evitat ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi fl-ambjent u jiġu pprovduti materjali siewja. Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi (id-Direttiva dwar il-Batteriji) ¹² tipprojbixxi l-bejgħ ta' batteriji li fihom ċerti sustanzi perikolużi u tiffissa l-miri ta' ġbir u ta' riċiklaġġ, billi tgħaddi r-responsabbiltà tal-ġestjoni tal-iskart tal-batteriji lill-produtturi. Mhux magħruf kemm il-produtturi ta' batteriji ffalsifikati jikkonformaw ma' dawn ir-regolamenti.

Filwaqt li l-kwantifikazzjoni tal-impatti mhux ekonomiċi deskritti fis-subtaqsima tmur lil hinn mill-ambitu ta' dan ir-rapport, b'mod ċar dawn għandhom importanza soċjali sinifikanti u jridu jiġu kkunsidrati meta jitqies il-fenomeni tat-tajers u għall-batteriji ffalsifikati.

¹¹ <http://www.etrma.org/uploads/Modules/Documentsmanager/elt-report-v9a---final.pdf>

¹² <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02006L0066-20131230>, ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1.



L-ISPIŻA EKONOMIKA TAL-KSUR TAD- DRITTIJET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI FIS-SETTURI TAT- TAJERS U TAL-BATTERIJI



Frar 2018

© L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni
Ewropea, 2018

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata diment li s-sors ikun
riconoxxut.

Avenida de Europa 4,
E03008 Alicante - Spanja

www.euipo.europa.eu